**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29, ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Maħluf Nru: 61/2020 CFS**

***ALESSIO CASSAR U ISABEL PORTELLI***

***VS.***

***JOSEPH AGIUS U ELIZABETH AGIUS***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kollha tal-partijiet f'din il-kawża;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**21 ta' Jannar, 2020**, l-atturi fissru li huma sidien tad-dar bin-numru 126, fi Triq San Ġorġ, f'Ħal-Qormi. Qalu li huma ġarrbu ħsara ġo ħwejjiġhom minħabba dħul ta' ilma ġej mid-dar numru 128, li tinsab fl-istess triq u li hija ġid tal-konvenuti. L-atturi jixlu wkoll li huma ġarrbu ħsara minħabba l-installazzjoni traskurata ta' wajers min-naħa tal-konvenuti;

3. L-atturi jgħidu li għalkemm huma talbu lill-konvenuti biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara li ħolqu, dawn baqgħu ma għamlu xejn. Minħabba f'hekk, huma fetħu din il-kawża u issa qegħdin jitolbu lil din il-qorti sabiex:

> *«i. Tiddikjara lill-intimati unikament responsabbli għall-ħsarat u danni strutturali fil-proprjetà tar-rikorrenti fi Triq San Ġorġ, Qormi, b'konsegwenza ta' ingress ta' tal-perkolazzjoni ta' l-ilma* [sic] *fil-ħajt diviżorju, liema perkolazzjoni ta' ilma, hija emanenti mill-proprjetà tal-intimati, kif ukoll b'konsegwenza ta' installazzjoni traskurtata da parte tal-intimati ta' wires tal-elettriku fil-fond tar-rikorrenti;*
>
> *ii. Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi għal dan l-iskop, d-danni kollha attwalment sofferti mir-rikorrenti sad-data tas-sentenza finali;*
>
> *iii. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni u ħsarat, lir-rikorrenti;*
>
> *iv. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit min din l-Onorabbli Qorti, iwettqu dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali fil-ħajt diviżorju, u dan taħt is-superviżjoni ta' perit arkitett nominat mill-Qorti għal dan l-iskop;*
>
> *v. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmlu huma bi spejjez tal-istess intimati x-xogħlijiet kollha hekk meħtieġa, taħt id-direzzjoni u bis-sorveljanza tal-perit nominat, u tagħti ukoll dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha opportuni sabiex ix-xogħolijiet jiġu esegwiti, anke fil-proprjeta' tal-intimati, mingħajr tfixkil;*
>
> *Bl-ispejjeż kollha nklużi dawk ta' l-ittra ġudizzjarja datata 24 ta' Settembru 2019, kontra l-intimati, illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenut Aġius ressqu risposta maħlufa fis-**<u>7 ta` Frar, 2020</u>** u fiha wieġbu hekk:

> *«1. ILLI preliminarjament fl-ewwel lok, mhuwiex ċar mir-rikors ġuramentat b'liema mod qed jiġi allegat illi qed isseħħ il-perkolazzjoni; l-esponenti mhumiex f'istwazzjoni, minn qari tar-*

*rikors ġuramentat odjern, li jifhmu kif u minn fejn qed jiġi allegat li qed isseħħ l-allegata perkolazzjoni, u għalhekk jitolbu li dan jiġi kjarifikat u jirriżervaw id-dritt li jdaħħlu risposta ulterjuri ladarba dan jiġi kjarifikat;*

*2. ILLI preliminarjament ukoll, kull responsabbilità da parti tal-konvenuti hija ampjament preskritta ai termini ta' l-art.2153 Kap. 16, billi kwalunkwe xogħol min-naħa tal-konvenuti ilu li ferm iktar minn sentejn qabel ma ġiet intavolata din il-kawża;*

*3. ILLI fil-mertu, mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjoni, jiġi eċċepit illi teżisti bejn il-fondi tal-partijiet servitù reċiproka ta' passaġġ ta' ilma bejn il-bjut rispettivi, maħluqa mis-sid komuni, u dan billi ż-żewġ proprjetajiet kienu oriġinarjament dar waħda, u l-bjut tagħhom jaqilbu għand xulxin; għaldaqstant, jekk il-pretensjonijiet attriċi huma bbażati fuq l-ilma li jaqleb minn fuq il-bejt ta' l-esponenti għal fuq il-bejt ta' l-atturi, hija responsabbilità tar-rikorrenti li jikkuraw il-bejt tagħhom b'mod illi l-ilma ma jistagħdarx u ma jipperkolax għal ġo l-intern tal-proprjetà tagħhom;*

*4. ILLI dwar il-wires ta' l-elettriku li jgħaddu bejn iż-żewg proprjetajiet, jiġi eċċepit hawnhekk ukoll illi din hija servitù eżistenti minn qabel maż-żewġ proprjajiet* [sic] *ġew diviżi, u li x-xogħlijiet effettwati mill-esponenti kienu jikkonsistu biss f'xogħol ta' manutenzjoni, u mhuwiex ċar għalihom kif qed jiġi allegat illi tali wires taw lok għall-perkolazzjoni ta' l-ilma allegat' madanakollu, l-esponenti jiddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni li jneħħu l-wires tagħhom minn fuq il-proprjetà tar-rikorrenti, b'dan illi mgħandhomx ibatu spejjeż jew danni sija in vista tas-servitù msemmija, sija billi kull responsabbilità tagħhom hija preskritta kif fuq eċċepit billi tali wires saru ferm iktar minn sentejn qabel l-intavolar ta' din il-kawża, u sija peress illi huma qatt ma ġew interpellati sabiex ineħħu tali wires qabel ma ġie intavolat ir-rikors ġuramentat odjern;*

*5. ILLI bħala fatt, il-prorjetà ta' l-atturi ma soffriet minn ebda ''ħsarat u danni strutturali' u għalhekk it-talbiet attriċi kif dedotti ma jistgħux jintlaqgħu;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri; għal kull buon fini, filwaqt illi jikkonfermaw il-konvenut tal-premessa attriċi para.(2), l-esponenti jikkontestaw jew jiddikjaraw ruħhom mhux edotti mir-rimanenti premessi.»*

5. B’digriet mogħti fl-**<u>24 ta’ Frar, 2020</u>**, il-qorti ħatret lill-Perit Elena Borġ Costanzi u lill-avukata Josette Grech bħala esperti tagħha biex jiġbru l-provi u jagħmlu r-rapporti tagħhom dwar it-tilwima li hemm bejn il-partijiet;

6. Ir-rapport tal-Perit Legali Josette Grech ġie ppubblikat fis-6 ta’ Ottubru, 2021, filwaqt li r-rapport tal-Perit Tekniku Elena Borġ Costanzi ġie ppubblikat fis-7 ta’ Ottubru, 2021;

7. Fir-rapport tagħha, il-Perit Legali Josette Grech qalet li: (i) li l-azzjoni attriċi mhijiex preskritta; (ii) li l-konvenuti ma kinux qegħdin jagħmlu sew li jitfgħu ilma tal-ħasil u ilma maħmuġ ieħor għal fuq il-bejt tal-atturi; u (iii) li l-allegazzjoni ta’ ħsara minħabba l-installazzjoni ħażina tal-wajers ma ġietx pruvata;

8. Min-naħa ‘l-oħra, il-Perit Tekniku Elena Borġ Costanzi fir-rapport tagħha sabet li l-atturi ma ppruvawx biżżejjed li seħħet ħsara strutturali minħabba xi għemil tal-konvenuti;

9. Waqt is-seduta tal-**<u>11 ta’ Ottubru, 2021</u>**, l-avukati tal-partijiet qablu bejniethom li huma ma kellhomx mistoqsijiet x’jagħmlu dwar dawn iż-żewġ rapporti tal-esperti mqabbda mill-qorti;

10. Saret trattazzjoni finali bil-fomm waqt is-seduta tal-**<u>25 ta’ Ottubru, 2021</u>** u l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

***Fatti***

11. Il-partijiet f’din il-kawża huma ġirien u jidher li dawn huma sidien tad-djar bin-numri, 126 u 128, fi Triq San Ġorġ, f’Ħal Qormi. Hawnhekk, il-qorti qed tgħid li l-partijiet jidhru li huma sidien għaliex fl-atti tal-kawża ma tressqux kuntratti li juru meta huma xtraw dawn id-djar;

12. Bejn il-bjut taż-żewġt idjar hemm ċint żgħir li jifridhom. Fl-ewwel filata ta' dan iċ-ċint, hemm toqba żgħira biex minn hemm ikun jista' jgħaddi l-ilma tax-xita. Jidher li hemm qbil bejn kulħadd, li l-bejt tad-dar tal-intimati huwa mibni b'tali mod li l-ilma li jkun hemm fuqu jxaqleb għal fuq il-bejt tal-atturi, billi jgħaddi minn din it-toqba li hemm fiċ-ċint. Mill-bejt tal-atturi mbagħad l-ilma jxaqleb għal ġo katusa li tagħti għal ġol-bitha tal-konvenuti fejn hemm bir;

13. Il-konvenut Joseph Aġius jgħid fl-affidavit tiegħu (ara paġna 54 tal-atti) li hu ilu jgħix fid-dar numru 128 sa mis-sena 1981 u li meta xtara l-post l-ilma tal-bejt tiegħu kien ġa jxaqleb għal fuq il-bejt tad-dar bin-numru 126;

14. Dwar din is-sistema tal-ħruġ tal-ilma, il-Perita Elena Borġ Costanzi, li ġiet maħtura bħala espert tekniku tikkonkludi hekk fir-rapport tagħha:

> *«Illi ma hemmx dubju li l-ilma tax-xita li jaqa' fuq iż-żewġ proprjetajiet, jeqleb minn fuq il-proprjetà tal-konvenut għal fuq il-bejt tal-proprjetà tal-atturi, u l-ilma tal-bejt taż-żewġ proprjetajiet minn fuq il-proprjetà tal-atturi jaqleb għal ġol-bir tal-konvenut. Din hija servitù li kienet teżisti peress illi d-deffun fuq il-bejt tal-atturi huwa dak oriġinali; is-servitù u l-passagg tal-ilmijiet jidhru ċari fuq il-fondi inkwistjoni.»*

15. L-atturi Alessio Aġius u Isabel Portelli jgħidu fl-affidavits tagħhom li ftit wara li huma xtraw id-dar tagħhom, bdew jinnutaw li fuq il-bejt tagħhom, anke fix-xhur tas-Sajf meta ma tagħmilx xita, kien qed ikun hemm għadajjar tal-ilma maħmuġ u ħmieġ bħal xagħar u frak;

16. Wara li l-atturi għamlu l-għassa, huma ntebħu li kienu l-konvenuti li kienu qegħdin iħammġulhom il-bejt. Fil-fatt, l-atturi ġibdu ritratti u filmati bil-mowbajl tagħhom li juru: (i) lill-konvenuta tfarfar *handbag*, ċaruta u biċċiet tad-drapp għal fuq il-bejt tagħhom; (ii) lill-konvenut jaħsel il-bejt tiegħu u jixkupa l-ilma għal ġot-toqba li

hemm fiċ-ċint li tifred iż-żewġt ibjut; (iii) lill-konvenut jagħsar il-biċċa tal-art għal fuq il-bejt tal-atturi; (iv) lill-konvenuta tnaddaf il-papoċċ tagħha fuq il-bejt tal-atturi u lill-konvenut jaqbeż fuq il-bejt tagħhom biex jiknes il-ħmieġ li ħareġ mill-papoċċ; (v) lill-konvenuti jarmu bramel tal-ilma għal fuq il-bejt tagħhom; u (vi) lill-konvenuti jaqbżu fuq il-bejt tal-atturi mingħajr permess;

17. Wara li rrealizzaw x'kien qed jiġri, l-atturi jgħidu li huma kienu marru jkellmu lill-konvenuti għaliex din l-imġieba tagħhom kienet qed iddejjaqhom u kienet anke qiegħda tagħmlilhom ukoll il-ħsara fit-travi. Dan ġie mtenni wkoll minn Carmelo Cassar, li jiġi z-ziju tal-attur Angelo Cassar (ara paġna 44 tal-atti). L-atturi iżda jgħidu li l-ilmenti tagħhom waqgħu fuq widnejn torox għaliex il-konvenuti xorta baqgħu jitfgħu l-ilma għal fuq il-bejt tal-atturi;

18. Fl-affidavit tiegħu, Alessio Cassar jgħid ukoll li l-konvenut kien qabad u għadda xi wajers minn fuq il-bejt tagħhom u dan mingħajr il-permess tagħhom. Iżid jgħid li l-konvenut kien għadda xi katusa. Però huwa jgħid ukoll fl-istess affidavit, li kemm il-wajers u kemm il-katusa ġew imneħħija (ara paġna 43 tal-atti);

19. Isabel Portelli tgħid fl-affidavit tagħha li fuq parir tal-perit tagħhom huma kienu neqfu €4,800 biex jagħmlu travi ġodda (ara paġna 47 tal-atti). Il-fattura ta' dawn l-ispejjeż tinsab f'paġna 51 tal-atti;

20. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jammetti fl-affidavit tiegħu (ara paġna 54 tal-atti), li hu u martu għamlu żmien jitfgħu l-ilma maħmuġ fuq il-bejt tal-atturi iżda wara li ħadu parir mingħand l-avukat, huma waqfu milli jkomplu jitfgħu l-ilma maħmuġ;

21. Il-konvenut jgħid iżda li mill-bejt tiegħu, huwa m'għandux minn fejn jitfa' l-ilma u li l-qlib fil-bejt tiegħu ilu minn dejjem hekk, b'dana li jekk l-attur ma kellux pjaċir bl-ilma tiegħu jaqleb għal għandu, allura huwa messu ma xtarax id-dar mill-ewwel. Fuq il-wajers, huwa jgħid li neħħa tnejn minnhom wara li saret din il-kawża iżda li

ħalla żewġ wajers oħra minħabba li dawn kien ilhom hemm u ma jilħaqhomx (ara paġna 55 tal-atti);

***Konsiderazzjonijiet***

22. Din il-kawża hija azzjoni biex l-atturi jitħallsu kumpens għall-ħsara li huma jgħidu li ġarrbu f'darhom minħabba ilma ġej mill-ġid tal-konvenuti u minħabba t-tqegħid traskurat ta' gumni (wajers) li saru mill-konvenuti;

23. Jissokta jingħad, li l-liġi tħalli għalkollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. «*Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-riperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarrfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob*» (***Arthur Xuereb v. Silvio Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-25 ta' Ġunju, 2019);

24. Jiġi b'hekk, li n-natura ta' kawża li titressaq quddiem il-qrati tiddependi mill-għażla li tagħmel dik il-parti li tiftaħha u mhux mill-eċċezzjonijiet li l-parti mħarrka tqajjem dwarha (ara ***Il-Professur Raymond Mangion v. Whitelocke Publications Limited et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019);

25. Dan kollu huwa importanti li wieħed iżommu f'moħħu għaliex kif inhuwa sew magħruf fil-liġi u fil-ġurisprudenza tagħna, il-qrati superjuri għandhom joqgħodu għat-talba kif imfissra mir-rikorrent, b'dana li l-qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta imma li ma jkunx jidħol sewwa fit-talba kif imfissra mir-rikorrent, għaliex inkella s-sentenza tmur *ultra* jew *extra petita* u b'hekk tiġi li ma tiswiex. Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tal-Appell kellha tħassar sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex din ma mxietx ma' dan il-prinċipju (ara pereżempju ***L-Avukat Dottor Roberto Montalto nomine et v. Edwin Bartolo et***

u ***Health Services Group Limited v. Id-Direttur tal-Kuntratti et***, it-tnejn mogħtija fit-28 ta' April, 2017);

26. Fil-każ tagħna, l-azzjoni mnedija mill-atturi mhijiex dik tal-*actio negatoria*, fejn attur, bħala sid ta' post, qiegħed jitlob lill-qorti sabiex din iċċaħħad lill-ġàr konvenut minn xi jedd ta' servitù li dan il-ġàr ikun qiegħed jippretendi illi għandu fuq il-ġid tal-attur (ara *inter alia* **Giovanna Camilleri v. Lorenza Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021);

27. Mod ieħor, l-azzjoni mibdija mill-atturi f'din il-kawża hija waħda maħsuba biss għall-ħlas ta' danni u għat-tiswijiet li hemm bżonn illi jsiru. Dan ġie mtenni mill-atturi kemm fl-ewwel paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom (ara paġna 60 tal-atti), kif ukoll mill-avukat tagħhom waqt it-trattazzjoni tal-għeluq quddiem din il-qorti fil-25 ta' Ottubru, 2021;

28. Billi dawn huma l-parametri tal-azzjoni tal-atturi, il-qorti hija marbuta li toqgħod magħhom;

29. Qabel mal-qorti tgħaddi biex tqis jekk l-atturi seħħilhomx jippruvaw ix-xiljiet tagħhom li huma ġarrbu ħsara minħabba l-għemil tal-konvenuti, hija tħoss li qabel xejn tikkunsidra l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

30. L-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tal-konvenuti hija li l-atturi ma fissrux fir-rikors maħluf tagħhom minn fejn huma kienu qegħdin jgħidu li qed jidħlilhom l-ilma. Għalhekk huma talbu lill-atturi sabiex jippreċiżaw aħjar fuq dan il-punt ta' mnejn kien qiegħed jinfed l-ilma u rriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet oħra, jekk ikun il-każ;

31. Din il-qorti mhijiex qiegħda tqis din l-eċċezzjoni bħala waħda ta' nullità tar-rikors maħluf iżda qiegħda tqisha aktar bħala talba min-naħa tal-konvenuti għal aktar tagħrif;

32. Għalkemm huwa minnu li r-rikors maħluf huwa xi ftit sajjem u xott mill-fatti, però jirriżulta mit-tielet paragrafu tiegħu li l-atturi kienu qegħdin jilmentaw li l-ilma kien ġej mill-ġid tal-konvenuti. Jidher li l-konvenuti fehmu sew dwar xiex kienu qegħdin jilmentaw l-atturi għax huma stess semmew fit-tielet eċċezzjoni tagħhom dwar il-kwistjoni tax-xaqlib tal-ilma fuq il-bjut tal-partijiet;

33. Fuq kollox, waqt il-kawża ħareġ ċar mill-affidavits tal-atturi li l-ilment tagħhom dwar id-dħul tal-ilma kien ġej mill-fatt li l-konvenuti kienu qegħdin jarmu l-ilma maħmuġ għal ġol-bejt tal-atturi. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti wara li rċevew kopja tal-affidavits tal-atturi ma talbux li jressqu risposta maħlufa miżjuda. Ir-riżerva tagħhom għall-preżentata ta' risposta maħlufa ulterjuri għalhekk skadiet malli huma aċċettaw li din il-kawża setgħet tmur għas-sentenza;

34. Barra minn hekk, il-konvenuti ma nsistewx aktar fuq din l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, la waqt it-trattazzjoni miżmuma quddiem iż-żewġ esperti maħtura mill-qorti u wisq anqas waqt it-trattazzjoni tal-għeluq quddiem din il-qorti;

35. Għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar ir-riżerva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri qiegħda tiġi miċħuda;

36. It**-tieni eċċezzjoni** tal-konvenuti hija li l-azzjoni tal-atturi għall-ħlas ta' danni hija preskritta skont l-**artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** għaliex kwalunkwe xogħol min-naħa tal-konvenuti kien ilu li sar ferm iktar minn sentejn qabel ma ġiet imressqa din il-kawża;

37. Bħala daħla, tajjeb li jingħad li l-preskrizzjoni hija mezz sabiex wieħed ikun jista' jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi (ara **artikolu 2107(2) tal-Kodiċi Ċivili**). Il-filosofija legali li tiġġustifika l-preskrizzjoni hi li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu maqtugħa. Huwa sewwasew għalhekk li tidħol fix-xena l-preskrizzjoni għaliex il-

liġi ma tridx illi tilwimiet bejn partijiet jibqgħu mdendlin għal dejjem mingħajr ma qatt jiġu solvuti. (ara ***Albert Camilleri v. Dr. Richard Galea Debono*** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Lulju, 1997);

38. Il-preskrizzjoni tolqot il-jeddijiet u l-azzjonijiet li jmissu lil kull persuna, istitut jew korp morali bla ebda distinzjoni (**artikolu 2115(1) tal-Kodiċi Ċivili)**;

39. Issa ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia*** deċiża fid-29 ta' Marzu, 2019, li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti konvenuta, billi tmeri li għadda ż-żmien, jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew miksura, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni (ara wkoll ***Guido J. Vella A. & C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001);

40. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn meta dik il-kawża setgħet titressaq (ara ***Stencil Pave (Malta) Ltd v. Dr. Maria Deguara noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-30 ta' Ottubru, 2003 u ***Luciano Martinelli nomine v. Saviour Pisani*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2005);

41. Il-qorti trid iżżomm f'moħħha wkoll dak imtenni dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza ***Perit Arkitett Ian Zammit v. V. Attard (Works) Limited*** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2021, illi l-preskrizzjoni hija istitut odjuż (***Dunod Della Prescrizione, Cap II, paġ. 16*** u App. Ċiv. 8.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Ellul noe v. Francis Vella***), u meta ġudikant jiġi mitlub jiddeċiedi fuq eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal għall-fehma tiegħu fuq fatti ċari u mhux konġetturi. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess, dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita (ara ***Victor Quintano***

***v. Georgina mart Francis Calleja et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'April, 1993);

42. Terġa' u tgħid, dwar ħsarat maħluqa minn perkolazzjoni jew tnixxija ta' ilma, il-qrati tagħna jidher li ħadu l-linja li peress li mhux ħaġa ħafifa li wieħed jgħid eżatt meta seħħ id-dannu, għalhekk f'każ ta' kwistjoni ta' preskrizzjoni marbuta ma' każ bħal dan għandha tiġi favorita l-persuna li kontra tagħha jkun għaddej iż-żmien preskrittiv, u dan ukoll bl-applikazzjoni tal-prinċipju li *contra non valentem agere non currit prescriptio* (ara *inter alia* ***Carmel Aquilina v. Alan Aiden et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2014. ***Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2009, ***Debono Developments Limited et v. Aldo Theuma et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Mejju, 2005 u ***Joseph Abela v. Francis Cassar et noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar, 2002);

43. Fi kliem ieħor, l-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jgħaddi sakemm dik il-ħsara tibqa' tirrepeti ruħha kultant żmien;

44. Meqjusa dawn il-prinċipji kollha għall-każ li għandna quddiemna, din il-qorti taqbel mal-Perit Legali Josette Grech li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw id-data ta' meta l-preskrizzjoni suppost bdiet timxi f'dan il-każ. Kien jaqa' fuq il-konvenuti li jindikaw meta suppost telaq l-arloġġ tal-preskrizzjoni;

45. Mhux biżżejjed li fl-eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jgħidu li kwalunkwe xogħol magħmul minnhom sar ferm aktar minn sentejn qabel ma nfetħet il-kawża;

46. Lil hemm mill-fatt, li fl-atti tal-kawża l-konvenuti ma fissrux liema huma dawn ix-xogħolijiet li qed jgħidu li għamlu u lanqas meta dawn ix-xogħolijiet suppost saru, xorta jibqa' l-fatt li l-azzjoni tal-atturi għall-ħlas tad-danni f'dan il-każ mhijiex marbuta ma' xi xogħolijiet imwettqa mill-konvenuti, iżda hija marbuta mal-fatt li l-

konvenuti qegħdin direttament jitfgħu l-ilma u l-ħmieġ tagħhom għal fuq il-bejt tal-atturi u li poġġew xi wajers b'mod traskurat;

47. Barra minn hekk, l-attriċi Isabel Portelli, fl-affidavit tagħha maħluf fl-14 ta' Lulju, 2020, tgħid li ftit wara li huma xtraw il-post madwar sentejn ilu, hija bdiet tosserva li ta' kuljum kien qed ikun hemm l-ilma maħmuġ fuq il-bejt tagħhom li kien ġej mill-konvenuti (ara paġna 46 tal-atti). Isabel Portelli mhux biss ma ġietx kontro-eżaminata, iżda l-konvenut Joseph Aġius jammetti fl-affidavit tiegħu li huwa kien jitfa' l-ilma maħmuġ fuq il-bejt tal-atturi (ara paġna 54 tal-atti);

48. Dan kollu għalhekk juri li mhux biss kull terminu ta' preskrizzjoni ġie miksur bl-ammissjoni tal-konvenut li huwa kien jitfa' l-ilma fuq il-bejt tal-atturi iżda anke li t-terminu ta' sentejn imsemmi fl-**artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** lanqas kien għadu biss għadda, ladarba Isabel Portelli qalet fl-affidavit tagħha li l-ilma maħmuġ kien qiegħed jintefa' sewwasew fl-aħħar sentejn qabel ma nfetħet din il-kawża;

49. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuti qiegħda għalhekk tiġi miċħuda wkoll;

50. It-**<u>tielet eċċezzjoni</u>** tal-konvenuti hija li huma jgawdu minn jedd ta' servitù li l-ilma tagħhom jgħaddi għal fuq il-bejt tal-atturi u dan għaliex iż-żewġ proprjetajiet kienu oriġinarjament dar waħda;

51. Skont l-**artikolu 457 tal-Kodiċi Ċivili**, is-servitujiet kontinwi u li jidhru jitnisslu: (a) bis-saħħa ta' titolu; (b) bil-preskrizzjoni; jew (ċ) bid-destinazzjoni tas-sid ta' żewġ fondi. Fis-sentenza ***Giovanni Gauci v. Anthony Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Settembru, 2004, intqal li servitujiet bħal akwedotti u l-istilliċidju (i.e. taqtir tal-ilma) huma meqjusa bħala servitujiet kontinwi u li jidhru (ara wkoll **artikolu 455(2) tal-Kodiċi Ċivili**);

52. F’dan il-każ, il-konvenuti qegħdin jgħidu li s-servitù tagħhom dwar il-mogħdija tal-ilma hija mnissla bid-destinazzjoni tas-sid ta’ żewġ fondi;

53. L-**artikolu 468 tal-Kodiċi Ċivili** jiddisponi li servitù tiġi stabbilita bid-destinazzjoni ta’ sid ta’ żewġ fondi, meta jiġi ppruvat illi ż-żewġ fondi, issa maqsuma, kienu tal-istess sid, u illi kien dak is-sid li qiegħed jew ħalla l-ħaġa fl-istat li minnu titnissel is-servitù (ara *inter alia* ***Anthony Portelli et v. Eucharistico Portelli et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta’ Awwissu, 1994, ***Joseph Borg v. Victor Refalo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997 u ***Mark Anthony Farrugia et v. Xemxija Bay Property Holding Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Diċembru, 2018);

54. Kif maqbul mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Roger Elliott v. Noel Xerri*** deċiża fit-28 ta’ April, 2017, biex ikun hemm destinazzjoni ta’ sid ta’ żewġ fondi jeħtieġ li jintwerew erba’ elementi li huma: (a) li l-post serventi u dak dominanti kienu, f’xi żmien, tal-istess sid; (b) li l-imsemmi sid qiegħed jew ħalla l-affarijiet fl-istat li minnu tnisslet is-servitù, (ċ) li l-postijiet jinsabu f’idejn sidien differenti, u (d) li meta l-postijiet ikunu għaddew għand sidien differenti, ma jingħad xejn dwar is-servitù;

55. Illi f’dan il-każ ma nġiebet l-ebda prova mill-konvenuti li d-djar bin-numri 126 u 128, fi Triq San Ġorġ, Ħal Qormi kienu f’xi żmien tal-istess sid u li kien dan is-sid li kien qiegħed jew ħalla l-affarijiet fl-istat li minnu tnisslet is-servitù tan-nixxiegħa tal-ilma bejn iż-żewġt ibjut;

56. Id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Aġius fl-affidavit tiegħu li, «*X’aktarx iż-żewġ djar kienu xi darba dar waħda li ġiet maqsuma żmien twil ilu*» (ara paġna 54 tal-atti), mhijiex biżżejjed bħala prova għall-għanijiet tal-**artikolu 468 tal-Kodiċi Ċivili**, li ż-żewġt idjar kienu xi darba ta’ sid wieħed u li s-servitù nħolqot bl-għemil jew bil-barka tal-istess sid;

57. Magħdud ma’ dan, il-qorti żżid ukoll li l-fatt li l-konvenuti seta’ kellhom xi jedd ta’ servitù ta’ nixxiegħa tal-ilma tax-xita, dan ma kien jagħtihom l-ebda jedd li huma jtaqqlu aktar is-servitù billi jitfgħu wkoll l-ilma tal-ħasil. Kif jgħid l-**artikolu 475 tal-Kodiċi Ċivili**, kull min għandu jedd ta’ servitù għandu jinqeda b’dan il-jedd skont it-titolu tiegħu, u ma jista’ jagħmel la fil-fond serventi u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista’ jtaqqal iżjed il-piż tal-fond serventi;

58. Fuq kollox it-tfigħ ta’ ilma tal-ħasil ma jistax jitqies bħala servitù kontinwu skont l-**artikolu 455(2) tal-Kodiċi Ċivili,** iżda jekk xejn bħala servitù mhux kontinwu skont l-**artikolu 455(3) tal-Kodiċi Ċivili** għaliex it-tfigħ ta’ ilma tal-ħasil jitwettaq bl-għemil tal-bniedem. Bħala servitù mhux kontinwu, din tista’ tinkiseb biss bis-saħħa ta’ titolu. Kemm hu hekk, l-**artikolu 469(1) tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li s-servitujiet mhux kontinwi, ikunu jew ma jkunux jidhru, jistgħu biss jiġu stabbiliti b’saħħa ta’ titolu u ma jistgħux jiġu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta’ sid ta’ żewġ fondi;

59. Tħares minn fejn tħares għalhekk din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa’;

60. Għall-istess raġunijiet ma tistax tintlaqa’ wkoll ir-**<u>raba’ eċċezzjoni</u>** tal-konvenuti. għaliex il-konvenuti naqsu milli jippruvaw li din is-servitù tnisslet bid-destinazzjoni tas-sid ta’ żewġ fondi;

61. F’kull każ, anke jekk stess huma kellhom dan il-jedd li jpoġġu l-wajers, dan il-jedd ma jtihomx il-jedd li jagħmlu l-ħsara lis-sid tal-fond serventi. Naturalment, jekk issa seħħitx jew le din il-ħsara, wieħed irid jaraha meta jiġi meqjus il-mertu tat-talbiet attriċi aktar ‘il quddiem f’din is-sentenza;

62. Din l-eċċezzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda safejn din hija msejsa fuq jedd ta’ servitù;

63. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis dwar **<u>is-siwi tat-talbiet attriċi</u>**, fid-dawl ukoll tal-**<u>ħames eċċezzjoni</u>** tal-konvenuti;

64. Din il-qorti ma tistax ma titlaqx billi tgħid li hija għarukaża kbira min-naħa tal-konvenuti li jitfgħu ilma maħmuġ fuq il-ġid ta' ħaddieħor u saħanistra anke jnaddfu l-affarijiet personali tagħhom bħal ċraret u żraben, bil-ħmieġ u l-frak li joħroġ minnhom jaqa' fuq il-bejt tal-atturi. Hija aktar gravi l-fatt li l-konvenuti għoġobhom ukoll, mingħajr permess, jaqbdu u jaqbżu fuq il-bejt tal-atturi, daqslikieku dan il-bejt kien xi ġid tagħhom. Imġieba bħal din hija waħda tal-mistħija u ta' stmerrija;

65. Żgur li mhijiex aċċettabbli dak li jgħid il-konvenut fl-affidavit tiegħu, illi hu ma kienx jaf li qiegħed jagħmel ħażin meta kien jitfa' l-ilma tal-ħasil fuq il-bejt tal-atturi. Il-qorti lanqas tista' tniżżilha illi l-konvenut sar jaf li kien qiegħed jagħmel ħażin, wara li kien kellem lill-avukat tiegħu fuq din il-kwistjoni. Tassew ma tridx xi għerf partikolari jew il-parir tal-avukat tiegħek biex tasal għall-konklużjoni li ma tistax titfa' l-ħmieġ tiegħek fuq il-post ta' ħaddieħor. Is-sens komun waħdu jgħidlek li ħadd ma jieħu pjaċir jilqa' għandu l-ħmieġ ta' terzi u għalhekk il-konvenuti kellhom ikunu jafu li mhix xi ħaġa sewwa li tarmi għal għand ħaddieħor;

66. Imma anke jekk stess il-konvenuti tabilħaqq ma kinux jafu li ma jistgħux jarmu l-ħmieġ tagħhom għand ħaddieħor, issa huma jafu żgur, u din il-qorti tittama li mil-lum 'il quddiem huma jibdew jużaw il-manjieri t-tajba u mhux jimxu bħan-nies egoisti li jiġu jaqgħu u jqumu min-nies ta' madwarhom sakemm huma jkunu kuntenti;

67. Illi b'daqshekk però, imbilli nstab li l-konvenuti b'mod ħażin kienu qegħdin jitfgħu l-ilma u l-ħmieġ tagħhom għand l-atturi, dan ma jfissirx li l-atturi ġarrbu ħsara strutturali fid-dar tagħhom, kif hekk jgħidu fir-rikors maħluf tagħhom;

68. Huwa magħruf f’dan il-qasam tal-liġi dwar danni, li minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li kkaġunat id-dannu attwalment mġarrab (ara fost ħafna oħrajn ***Josef Galea v. Combinati Transport Services Limited nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Marzu, 2001 u ***Cassar Airconditioning Systems Limited v. Norman Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Marzu, 2006);

69. Wara kollox, hija l-liġi stess li tgħid fl-**artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**, li persuna għandha twieġeb biss għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha;

70. F’dan il-każ, l-atturi naqsu bi kbir li jippruvaw l-allegazzjoni ewlenija tagħhom li huma ġarrbu ħsara fid-dar tagħhom minħabba l-ilma li kienu qegħdin jitfgħu l-konvenuti u minħabba l-wajers li għamlu l-istess konvenuti;

71. Dwar dan l-aspett, il-qorti qiegħda tqis il-konklużjonijiet magħmula mill-espert tagħha, il-Perit Elena Borġ Costanzi, fir-rapport tagħha:

i. Li s-saqaf kien ġa mibdul meta hija marret fuq il-post u għalhekk hija ma setgħetx tgħid li s-saqaf tal-bejt kellu jinbidel minħabba d-dħul tal-ilma;

ii. Li l-atturi ma resqux provi biżżejjed dwar in-nisel u n-natura tal-ħsara fis-saqaf mibdul, bħal pereżempju rapport tal-perit li ħa ħsieb mill-bdil tas-saqaf jew rapport dwar il-kundizzjoni li kien jinsab fih is-saqaf qabel ma dan ġie mibdul;

iii. Li d-dar tal-atturi għandha ż-żmien u għalhekk hija ma setgħetx taqtagħha b’kuxjenza kwieta li l-ħsara fis-saqaf seħħet minħabba dħul ta’ ilma;

iv. Li waqt l-aċċess ma ratx li l-ilma li kien qiegħed iċarċar mal-ħajt diviżorju seta’ jagħmel daqshekk ħsara fid-dar tal-atturi;

v. Li ma kienx jagħmel sens li l-atturi jonqfu l-flus biex ibiddlu s-saqaf u ma jieħdux passi biex iwaqqfu s-sors tal-ħsara;

vi. Li l-ilma li kien iċarċar mill-ħajt diviżorju ma kienx ta' volum biżżejjed li seta' jwassal għall-bdil tas-saqaf;

vii. Li l-irċevuta prodotta mill-atturi ma tagħtix dettalji tal-post fejn saru x-xogħolijiet, apparti li x-xogħol ma ġiex ċertifikat minn perit skont il-prassi;

viii. Li ma ħariġx mill-provi li l-atturi għamlu xi *membrane* biex itaffu d-dħul tal-ilma; u

ix. Li mhux ċar jekk is-saqaf inbidilx kollu għaliex waqt l-aċċess hija setgħet tosserva li l-wiċċ tal-bejt ma kienx jidher li kien mibdul;

72. Fil-fehma tal-qorti, dawn il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku kollha jagħmlu sens u ma tarax li hemm raġunijiet fejjieda għaliex din il-qorti m'għandhiex toqgħod fuqhom;

73. L-atturi kienu fqar ħafna fil-provi li jolqtu l-ħsara li jgħidu li ġarrbu. Huma għafsu biss fuq il-fatt li l-konvenuti kienu jitfgħu l-ilma u jarmu l-ħmieġ fuq il-bejt tagħhom, iżda tista' tgħid ma semmew xejn dwar il-ħsara li ġarrbu ġo ħwejjiġhom. Biżżejjed jingħad li kienet biss l-attriċi Isabel Portelli, li għamlet aċċenn ħafif ħafna dwar il-ħsara fl-affidavit tagħha, imma mingħajr wisq dettalji u spjegazzjoni. Tassew, għalkemm l-attriċi tgħid li hi u l-attur kellhom ibiddlu t-travi wara li tkellmu ma' perit, dan il-perit li ismu mhux magħruf ma ġiex imħarrek biex jixhed. Hekk ukoll, lanqas ma ġie ppreżentat xi rapport ta' perit li juri li kien hemm bżonn li jinbidlu t-travi jew li jsiru xi tiswijiet minħabba ħsara li kienet inħolqot mill-konvenuti;

74. Il-qorti ma tistax tinsa wkoll li d-dar tal-atturi mhijiex waħda moderna u allura hija ma tistax teskludi li dawn it-travi kellhom jinbidlu mhux minħabba l-ilma u l-ħmieġ li kienu jitfgħu l-konvenuti iżda minħabba fatturi oħra bħal pereżempju tgħarriq minħabba l-mogħdija taż-żmien. Mill-atti lanqas ma jirriżulta li l-atturi kienu jieħdu ħsieb tal-wiċċ tal-bejt tagħhom u għalhekk mhux eskluż li l-ħsara setgħet kienet dovuta minħabba l-fatt li l-bejt tal-atturi ma kienx mgħammar biżżejjed biex ma jinfidx l-ilma minnu;

75. L-istess konklużjoni tgħodd ukoll safejn l-ilment tal-atturi huwa dwar l-installazzjoni tal-wajers. Fl-atti tal-kawża ma tressqet l-ebda ħjiel ta' prova kif dawn il-wajers setgħu ħolqu xi ħsara fil-post tal-atturi. Kemm hu hekk, l-atturi fl-affidavits tagħhom ma semmew xejn kif dawn il-wajers suppost ħolqulhom il-ħsara, anzi jgħidu li dawn tneħħew mill-konvenuti (ara paġni 43 u 48 tal-atti) Minbarra dan, iż-żewġ esperti maħtura mill-qorti, it-tnejn ikkonkludew fir-rapporti rispettivi tagħhom, li dan l-ilment tal-atturi ma ġiex pruvat;

76. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Paul Lungaro v. Salvino Lungaro*** maqtugħa fis-26 ta' Mejju, 2021**,**

> *«Illi l-fehmiet ta' periti maħtura minn Qorti jitqiesu bħala aċċertament ta' fatti u għalkemm il-Qorti ma hijiex marbuta li toqgħod fuq dawk il-fehmiet (**Art. 681 tal-Kap 12**), irid ikun hemm raġunijiet tajbin u serji biżżejjed biex titbiegħed minnhom (App Ċiv. 23.6.1967 fil-kawża fl-ismijiet **Buġeja et v. Muscat et** (Kollez. Vol: LI.i.389 ); App. Ċiv. 6.10.2020 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Gatt et v. Paul Attard et** u App. Ċiv. 27.1.2021 fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Borġ et v. Dennis Gatt et** fost bosta oħrajn). F'dan il-każ il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni biex tiddubita l-fehmiet u l-kostatazzjonijiet magħmula mill-periti maħtura mill-ewwel Qorti. Sa ċertu punt, jidher li l-appellant kien wasal biex joqgħod fuq il-fehmiet tal-periti ġudizzjarji għaliex għalkemm għall-bidu kien talab li jitħalla jressaqhom b'xhud tiegħu f'eskussjoni, naqas li jisħaq fuq din it-talba u li ma tax każ iż-żmien li tatu l-ewwel Qorti u baqa' ma ħa l-ebda interess fil-ħaġa. Meta din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, tara li l-parti f'kawża li trid tattakka l-fehmiet mogħtijin*

*minn perit ġudizzjarju ma tinqediex bl-għodda li tagħtiha l-liġi biex tagħmel dan, ftit li xejn jibqa' x'wieħed jagħmel biex jiskarta dawk il-fehmiet u jimxi mod ieħor (App. Kumm. 7.12.1994 fil-kawża fl-ismijiet* ***Grech v. Farruġia et noe*** *(Kollez. Vol: LXXVIII.ii.234)).»*

77. Għar-raġunijiet tagħhom, l-atturi f'dan il-każ għażlu li la jagħmlu l-eskussjoni lill-Perit Tekniku Elena Borġ Costanzi u lanqas għamlu nota ta' kritika biex imeru jew ixejnu l-konklużjonijiet tekniċi milħuqa fir-rapport tagħha. Anke waqt it-trattazzjoni orali miżmuma fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2021, l-avukat tar-rikorrenti ma għamel l-ebda sforz biex jipprovi jikkonvinċi lill-qorti li r-rapport tekniku mhuwiex tajjeb. Dan in-nuqqas min-naħa tal-atturi tkompli ssaħħaħ il-fehma ta' din il-qorti li l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw il-każ tagħhom;

78. F'qagħda bħal din, aktar u aktar meta l-konklużjonijiet tal-perit tekniku jidhru wkoll li jagħmlu ħafna sens, din il-qorti ma tarax triq oħra ħlief illi tħaddan dawn il-konklużjonijiet u taċċettahom bħala fatti aċċertati;

79. Minħabba f'hekk, ladarba l-atturi naqsu milli jippruvaw li huma ġarrbu ħsara bi ħtija tal-konvenuti, din il-qorti ma tista' tilqa' l-ebda waħda mill-ħames talbiet tagħhom u fl-istess waqt qiegħda tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-mod ta' kif ġie mfassal ir-rikors maħluf;

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni eċċezzjoni għaliex issib li l-azzjoni tal-atturi mhijiex preskritta skont l-**artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili**;

iii. **<u>Tiċħad</u>** ukoll it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti għaliex issib li dawn mhumiex mistħoqqa; u

iv. **<u>Tilqa'</u>** l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti u fl-istess waqt **<u>tiċħad</u>** it-talbiet kollha tal-atturi għaliex issib li dawn ma seħħilhomx jippruvaw li huma tabilħaqq ġarrbu ħsarat strutturali ġewwa darhom, bi ħtija tal-konvenuti;

Fl-aħħar nett, din il-qorti tqis li għalkemm it-talbiet kollha tal-atturi ġew miċħuda, madankollu hija sabet li l-konvenuti ma kinux eżempju ta' ġirien tajba. Minbarra dan, il-qorti ċaħdet ukoll erba' minn ħames eċċezzjonijiet tagħhom. Minħabba f'hekk, il-qorti **<u>tordna</u>** bit-tħaddim tal-**artikolu 223(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' din il-kawża;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**